# It-Tnejn u Tletin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*L-armla għamlet ftira żgħira u ġibitha lil Elija.*

1 Slat 17, 10-16

**Qari mill-Ewwel Ktieb tas-Slaten**

F'dak iż-żmien, il-profeta Elija [10]qam u rħielha lejn Sarefta. Kif
wasal ħdejn bieb il-belt, kien hemm waħda armla tiġbor il-ħatab.
Elija sejħilha u qalilha: «Jekk jogħġbok, ġibli f'bieqja belgħa ilma
x'nixrob.»

[11]Hi u sejra, Elija raġa' sejħilha u qalilha: «Ġibli wkoll, jekk jogħġbok,
kisra ħobż f'idek.» [12]Hija wieġbet: «Daqskemm hu ħaj il-Mulej, Alla
tiegħek, ma għandi xejn maħbuż; qabda dqiq f'ġarra u ftit żejt
fil-kus kulma baqagħli. Ara, qiegħda niġbor biċċtejn ħatab; issa nħejji
xi ħaġa għalija u għal ibni; u mbagħad nikluha u mmutu.»

[13]Elija wieġeb: «La tibżax, mur u agħmel kif għedtli: imma qabel
agħmel ftira żgħira għalija, u ġibhieli. Imbagħad agħmel għalik u
għal ibnek. [14]Għax din hi l-kelma tal-Mulej, Alla ta' Iżrael: Il-ġarra
tad-dqiq ma tintemm qatt, u l-kus taż-żejt ma jitbattalx, sa dakinhar
li l-Mulej jibgħat ix-xita fil-pajjiż.»

[15]U dik marret u għamlet kif qalilha Elija. Damu jieklu għal żmien,
hi u hu, u darha kollha. [16]U l-ġarra tad-dqiq ma ntemmitx, u l-kus
taż-żejt ma tbattalx, kif kien qal il-Mulej permezz ta' Elija.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 145 (146), 7.8-9a.9bċ-10

R/. (1): Faħħar, ruħ tiegħi, il-Mulej!

7 Il-Mulej jagħmel ħaqq lill-maħqurin,
u jagħti l-ħobż lill-imġewħin.
Il-Mulej jeħles lill-imjassrin. R/.

8 Il-Mulej jiftaħ għajnejn l-għomja;
il-Mulej jerfa' lill-milwijin;
il-Mulej jħobb lill-ġusti;
9 il-Mulej iħares lill-barranin. R/.

Il-Mulej iżomm lill-iltim u lill-armla,
imma lill-ħżiena jħarbtilhom triqathom.
10 Il-Mulej isaltan għal dejjem;
Alla tiegħek, Sijon, minn nisel għal nisel. R/.

# Qari II

*Kristu offra lilu nnifsu darba biss.*

Lhud 9, 24-28

**Qari mill-Ittra lil-Lhud**

[24]Kristu ma daħalx f'santwarju magħmul b'idejn il-bnedmin li hu
biss xbieha tas-santwarju veru, imma daħal fis-sema stess, biex issa
jidher għalina quddiem Alla. [25]U daħal hemm mhux biex minn żmien
għal żmien joffri lilu nnifsu bħalma l-qassis il-kbir jidħol kull sena
fis-santwarju biex joffri demm ħaddieħor. [26]Li kieku kien hekk, kien
ikollu jbati ħafna drabi sa mill-ħolqien tad-dinja.

Iżda issa deher darba għal dejjem, meta waslet il-milja taż-żminijiet,
biex ineħħi d-dnub bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu. [27]U kif hu miktub
għall-bnedmin li għandhom imutu darba biss, u wara dan isir
il-ġudizzju, [28]hekk ukoll Kristu, wara li offra lilu nnifsu darba biss
biex jitgħabba bid-dnubiet tal-kotra, għad jerġa' jidher darb'oħra,
mhux biex ineħħi d-dnubiet, imma biex isalva lil dawk li qegħdin
jistennewh bil-ħerqa.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 5, 3

Hallelujah. R/. Hallelujah
Henjin il-foqra fl-ispirtu,
għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*L-armla fqira offriet iktar minn kulħadd.*

Mk 12, 38-44

**✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark**

F'dak iż-żmien, Ġesù kien qiegħed jgħallem fit-tempju u jgħid:
38 «Ifthu għajnejkom mill-kittieba, li jħobbu jduru mat-toroq bi lbiesi
twal, jixtiequ min isellmilhom fil-pjazez, 39 u fis-sinagogi joqogħdu
fis-siġġijiet ta' quddiem, u fil-postijiet ewlenin fil-pranzijiet; 40 iberbqu
ġid ir-romol, u mbagħad għal wiċċ in-nies idumu ħafna jitolbu.
Dawn jieħdu kundanna aktar iebsa.»

Ġesù 41 kien qiegħed biswit it-teżor, iħares u jara xi flus jitfgħu n-nies
fit-teżor. Bosta għonja bdew jitfgħu ħafna. 42 Resqet waħda armla fqira
u tefgħet biċċtejn żgħar, jiġifieri xi żewġ ċenteżmi.

43 Hu sejjaħ id-dixxipli tiegħu u qalilhom: «Tassew ngħidilkom, li din
l-armla fqira tefgħet iktar minn dawk kollha li tefgħu fit-teżor. 44 Għax
dawk kollha tefgħu miż-żejjed tagħhom, imma hi, fil-faqar tagħha,
tefgħet kulma kellha, dak kollu li kellha biex tgħix.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu

*Jew il-forma l-qasira*

# Evanġelju

***L-armla fqira offriet iktar minn kulħadd.***

Mk 12, 41-44

✠ **Qari mill-Evanġelju skont San Mark**

F'dak iż-żmien, Ġesù [41]kien qiegħed fit-tempju biswit it-teżor, iħares
u jara xi flus jitfgħu n-nies fit-teżor. Bosta għonja bdew jitfgħu ħafna.
[42]Resqet waħda armla fqira u tefgħet biċċtejn żgħar, jiġifieri xi żewġ
ċenteżmi.

[43]Hu sejjaħ id-dixxipli tiegħu u qalilhom: «Tassew ngħidilkom, li din
l-armla fqira tefgħet iktar minn dawk kollha li tefgħu fit-teżor. [44]Għax
dawk kollha tefgħu miż-żejjed tagħhom, imma hi, fil-faqar tagħha,
tefgħet kulma kellha, dak kollu li kellha biex tgħix.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Tifħir lilek Kristu